Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 983/2009

tal-21 ta' Ottubru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni u ċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq il-prodotti tal-ikel u li jirreferu għal tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 277, 22.10.2009, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 376/2010 tat-3 ta' Mejju 2010	L 111	3	4.5.2010
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2014 tal-20 ta' Ġunju 2014	L 182	27	21.6.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 983/2009

tal-21 ta' Ottubru 2009

dwar l-awtorizzazzjoni u ċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq il-prodotti tal-ikel u li jirreferu għal tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa mogħtija fuq l-ikel huma projbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dak ir-Regolament u ma jkunux inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa jistgħu jitressqu mill-operaturi tan-negozji tal-ikel quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tgħaddi l-applikazzjonijiet lill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel (EFSA), li minn hawn 'il quddiem qed tissejjaħ l-Awtorità.

(3) Wara li tirċievi applikazzjoni l-Awtorità għandha tgħarraf bla dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, u tipprovdi opinjoni fuq l-indikazzjoni dwar is-saħħa kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.

(5) Fid-19 ta' Awwissu 2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew seba' opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa mill-Awtorità. Fit-22 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew opinjoni waħda dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa mill-Awtorità. Fit-22 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew tmien opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa mill-Awtorità. Fil-31 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew ħames opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa mill-Awtorità. Fl-14 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew żewġ opinjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa mill-Awtorità.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

▼B

(6) Sitt opinjonijiet kellhom x'jaqsmu ma' applikazzjonijiet għal indikazzjonijiet dwar tnaqqis fir-riskju tal-mard, kif imsemmi fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u 17-il opinjoni kellhom x'jaqsmu ma' applikazzjonijiet għal indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, kif imsemmi fl-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Sadanittant applikazzjoni waħda għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa ġiet irtirata mill-applikant u applikazzjoni waħda għal awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni dwar is-saħħa se tkun suġġetta għal deċiżjoni ulterjuri.

(7) B'segwiment ta' applikazzjoni minn UNILEVER PLC (ir-Renju Unit) u UNILEVER N.V. (l-Olanda), li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-isteroli mill-Pjanti fuq il-kolesterol fid-demm u r-riskju ta' mard koronarju tal-qalb (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-085) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Ġie ppruvat li l-isteroli mill-pjanti jbaxxu/jnaqqsu b'mod sinifikanti l-kolesterol fid-demm. Hemm provi li meta jitbaxxa l-kolesterol fid-demm jitnaqqas ir-riskju tal-mard (koronarju) tal-qalb".

(8) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-isteroli mill-pjanti u l-effett indikat. Suġġetta għal revizjoni tat-tpoġġija tal-kliem, l-indikazzjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u b'mod partikolari fl-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, u għandha tiġi inkluża fil-lista Kouniktarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(9) B'segwiment ta' applikazzjoni minn McNeil Nutritionals, li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-esteri tal-istanol mill-pjanti fuq il-kolesterol fid-demm u r-riskju ta' mard koronarju tal-qalb (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-118) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Billi jbaxxu/jnaqqsu b'mod attiv il-kolesterol tip LDL (sa 14 % fi żmien ġimgħatejn, billi jimblukkaw l-assorbiment tal-kolesterol,) l-esteri tal-istanol mill-pjanti jnaqqsu r-riskju ta' mard (koronarju) tal-qalb".

(10) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-esteri tal-istanol mill-pjanti u l-effett indikat. Suġġetta għal revizjoni tat-tpoġġija tal-kliem, l-indikazzjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(11) B'segwiment ta' applikazzjoni minn Unilever PLC/NV, li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 781, 1-2.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 825, 1-13.

▼B

relatata mal-effetti tal-aċidu α-linoleniku (ALA) u l-aċidu linolejku (LA) fuq l-iżvilupp u l-mod kif jikbru t-tfal (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-079) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-konsum regolari tal-aċidi grassi essenzjali huwa importanti għall-iżvilupp u t-tkabbir xieraq tat-tfal."

(12) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-ALA u l-LA u l-effett indikat. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(13) B'segwiment ta' applikazzjoni mill-Association de la Transformation Laitière Française (ATLA) li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-vitamina D fuq it-tkabbir tal-għadam (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-323) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-Vitamina D hija essenzjali għat-tkabbir tal-għadam fit-tfal".

(14) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-vitamina D u l-effett indikat. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(15) B'segwiment ta' applikazzjoni mill-Yoplait Dairy Crest Ltd li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-kalċju u l-vitamina D fuq saħħet l-għadam (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-116) ([3]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-kalċju u l-vitamina D, bħala parti minn dieta u stil tal-għajxien f'saħħithom, jibnu għadam iktar b'saħħtu fit-tfal u l-adoloxxenti."

(16) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-kalċju u l-vitamina D u l-effett indikat. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komuntarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(17) B'segwiment ta' applikazzjoni mill-Association de la Transformation Laitière Française (ATLA) li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 783, 1-10.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 827, 1-2.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 828, 1-13.

▼B

ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-kalċju fuq it-tkabbir tal-għadam (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-322) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-kalċju huwa meħtieġ għat-tkabbir tal-għadam b'saħħtu fit-tfal."

(18) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-kalċju u l-effett indikat. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(19) B'segwiment ta' applikazzjoni mill-Association de la Transformation Laitière Française (ATLA) li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-proteini li joriġinaw mill-annimali fuq it-tkabbir tal-għadam (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-326) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-proteini li joriġinaw mill-annimali jikkontribwixxu għat-tkabbir tal-għadam fit-tfal".

(20) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum totali tal-proteini u l-effett indikat. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni għandha titqies bħala konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għandha tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' indikazzjonijiet permessi.

(21) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jipprevedi li opinjoni favur li tkun awtorizzata stqarrija dwar vantaġġ għas-saħħa għandha tinkludi ċerti dettalji. Għaldaqstant, dawk id-dettalji għandhom jiġu stipulati fl-Anness I għar-Regolament preżenti fir-rigward tas-seba' indikazzjonijiet awtorizzati u għandhom jinkludu, skont il-każ, ir-reviżjoni ta' kif għandu jitpoġġa l-kliem tal-indikazzjoni, il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward l-użu tal-indikazzjoni, u, fejn japplika, il-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew stqarrija jew twissija addizzjonali, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u b'mod konformi mal-opinjonijiet tal-Awtorità.

(22) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huwa li jiżgura li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa huma veri, ċari u affidabbli u siewja għall-konsumatur, u li l-mod kif jitpoġġa l-kliem u l-preżentazzjoni għandhom jitqiesu f'dak ir-rigward; għalhekk meta l-mod kif jitpoġġa l-kliem tal-indikazzjoni jkollu l-istess tifsira għall-konsumatur bħal dak li jingħad f'indikazzjoni dwar is-saħħa awtorizzata billi juri l-istess relazzjoni li teżisti bejn kategorija ta' ikel, tip ta' ikel jew xi wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, bl-inklużjoni tagħhom fl-Anness I dawn għandhom ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu indikati hemmhekk.

(23) B'segwiment ta' applikazzjoni minn BIO SEREA, li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tan-NeOpuntia® fuq il-parametri tal-lipidi fid-demm assoċjati mar-riskji kardjovaskulari, speċjalment

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 826, 1-11.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 858, 1-2.

▼B

il-kolesterol HDL (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-214) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "InNeOpuntia® tgħin biex ittejjeb il-parametri tal-lipidi fid-demm assoċjati mar-riskji kardjovaskulari, speċjalment il-kolesterol HDL".

(24) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma tista' tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tanNeOpuntia® u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tarr-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(25) B'segwiment ta' applikazzjoni minn Valio Ltd li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-prodotti tal-ħalib b'kontenut baxx ta' xaħam Evolus® iffermentati bil-*Lactobacillus helveticus* fuq l-ibusija arterjali (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-218) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "L-Evolus® inaqqas l-ibusija arterjali".

(26) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum talprodotti tal-ħalib b'kontenut baxx ta' xaħam Evolus® iffermentati bil-*Lactobacillus helveticus* u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi lindikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(27) B'segwiment ta' applikazzjoni minn Martek Biosciences Corporation li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-aċidu dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu arakidoniku (ARA) fuq l-iżvilupp newrali tal-moħħ u l-għajnejn (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-120) ([3]). Lindikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Id-DHA u l-ARA jsostnu l-iżvilupp newrali tal-moħħ u l-għajnejn".

(28) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-ikel/kostitwent (id-DHA u l-ARA) b'bidu mill-età ta' sitt xhur u leffett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata. Barra minn hekk, l-Awtorità qatgħatha li l-konsum tal-ikel/formula tat-trabi miżjud bid-DHA u l-ARA mill-età ta' sitt xhur sa sena jista' jkollu effett benefiċjali fuq il-maturità tal-akutezza viżiva fit-trabi li jiġu mredda' l-ħalib tas-sider sal-età ta' 4–6 xhur. L-Awtorità qatgħatha wkoll li ma ġiet preżentata l-ebda evidenza dwar l-effetti tas-supplimentazzjoni bid-DHA u l-ARA mis-sitt xahar tal-ħajja fuq il-maturità viżiva fit-trabi f'saħħithom li ma ġewx imredda' l-ħalib tas-sider

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 788, 1-2.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 824, 1-2.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 794, 1-2.

▼B

imma minflok ingħataw formula bla suppliment matul l-ewwel xhur ta' ħajjithom. Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirrifletti din il-konklużjoni ma tistax tkun konformi mal-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u speċjalment fl-Artikoli 3, 5 u 6, u ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(29) B'segwiment ta' applikazzjoni min-National Dairy Council li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' xi prodotti tal-ikel li ġejjin mill-ħalib (il-ħalib nnifsu u l-ġobon) fuq is-saħħa dentali (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-112) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Il-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-ħalib (il-ħalib innifsu u l-ġobon) iħeġġu s-saħħa dentali fit-tfal".

(30) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li l-kategorija tal-ikel li ġej mill-ħalib (il-ħalib innifsu u l-ġobon) li hija s-suġġett tal-indikazzjoni dwar is-saħħa mhix ikkaratterizzata biżżejjed, u ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tal-ħalib jew il-ġobon u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(31) B'segwiment ta' applikazzjoni min-National Dairy Council li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tal-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-ħalib fuq il-piż f'saħħtu tal-ġisem (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-110) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Tliet porzjonijiet ta' prodotti li ġejjin mill-ħalib kuljum, bħala parti minn dieta bilanċjata, jistgħu jgħinu biex jitħeġġeġ piż f'saħħtu tal-ġisem matul it-tfulija u l-adoloxxenza".

(32) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li l-kategorija tal-ikel li ġej mill-ħalib (il-ħalib innifsu u l-ġobon) li hija s-suġġett tal-indikazzjoni dwar is-saħħa ma ġietx ikkaratterizzata biżżejjed, u li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' kuljum tal-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-ħalib (il-ħalib innifsu, il-ġobon u l-jogurt) u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(33) B'segwiment ta' applikazzjoni minn enzyme.pro.ag li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tar-regulat®.pro.kid IMMUN fuq is-sistema tal-immunità tat-tfal waqt li dawn ikunu qed jikbru (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-082) ([3]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Ir-regulat®.pro.kid IMMUN isostni, jistimula u jimmodula s-sistema tal-immunità tat-tfal waqt li dawn ikunu qed jikbru".

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 787, 1-2.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008)786, 1-10.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 782, 1-2.

▼B

(34) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li l-ikel li għalih saret l-indikazzjoni, ir-"regulat®.pro.kid IMMUN", ma ġiex ikkaratterizzat biżżejjed, u li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tar-regulat®.pro.kid IMMUN u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(35) B'segwiment ta' applikazzjoni minn enzyme.pro.ag li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti tar-regulat®.pro.kid BRAIN fuq l-iżvilupp mentali u konjittiv tat-tfal (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-083) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "Ir-regulat®.pro.kid BRAIN jikkontribwixxi għall-iżvilupp mentali u konjittiv tat-tfal".

(36) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li l-ikel li għalih saret l-indikazzjoni, ir-"regulat®.pro.kid BRAIN", ma ġiex ikkaratterizzat biżżejjed, u li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tar-regulat®.pro.kid BRAIN u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(37) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effett kalmanti ta' I omega kids®/Pufan 3 kids® (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-091 u - Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-096) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "kalmanti"

(38) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA) u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(39) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq is-serenità (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-092 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-097) ([3]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jipprovdi s-serenità u spazju għal żvilupp benefiċjali tat-tfal".

(40) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 829, 1-10.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 830, 1-2.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 831, 1-2.

▼B

(41) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq il-viżta (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-095 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-100) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jgħin biex isostni l-viżta".

(42) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(43) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq l-iżvilupp mentali (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-098 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-104) ([2]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jgħin biex isostni l-iżvilupp mentali".

(44) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(45) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq il-konċentrazzjoni (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-094 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-099) ([3]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jgħin biex iħeġġeġ il-konċentrazzjoni".

(46) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(47) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq il-kapaċità tal-ħsieb (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-093 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-101) ([4]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jgħin biex iħeġġeġ il-kapaċità tal-ħsieb".

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 832, 1-8.
([2]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 847, 1-10.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 846, 1-10.
([4]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 845, 1-2.

▼B

(48) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(49) B'segwiment ta' żewġ applikazzjonijiet minn Pharma Consulting & Industries li tressqet skont l-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ħtieġilha tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' I omega kids®/-Pufan 3 kids® fuq il-ħila li wieħed jitgħallem (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-102 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-103) ([1]). L-indikazzjoni proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "jgħin biex isostni l-ħila li wieħed jitgħallem".

(50) Abbażi tad-dejta preżentata, l-Awtorità qatgħatha li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda relazzjoni ta' kawża u effett bejn il-konsum tad-DHA u l-EPA u l-effett indikat. Għaldaqstant, billi l-indikazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(51) Il-kummenti mill-applikanti u l-membri tal-pubbliku li rċeviet il-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ngħataw widen meta ġew stabbiliti l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament.

(52) B'konformità mal-Artikolu 28(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa msemmija fl-Artikolu 14(1)(b) ta' dak ir-Regolament u li ma jkunux awtorizzati minn dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jintużaw għal sitt xhur wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Madankollu, li fir-rigward ta' applikazzjonijiet li ma sarux qabel id-19 ta' Jannar 2008, ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 28(6)(b) mhux sodisfatt, u l-perjodu tranżitorju stabbilit f'dak l-Artikolu ma japplikax. Għaldaqstant, il-perjodu tranżitorju ta' sitt xhur għandu jingħata sabiex jippermetti lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(53) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament jistgħu jitpoġġew fuq ikel fis-suq Komunitarju b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

([1]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 848, 1-10.

▼B

Dawk l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa għandhom jiġu inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi msemmija fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Artikolu 2

L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament huma miċħuda.

Artikolu 3

L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa kif imsemmija fl-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u li huma stipulati fl-Anness II jistgħu jibqgħu jintużaw għal sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNESS I

INDIKAZZJONIJIET DWAR IS-SAĦĦA PERMESSI

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet vrelevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Applikant –Indirizz	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kondizzjonijiet dwar l-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet dwar l-użu tal-ikel u/jew stqarrija jew twissija addizzjonali	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar issaħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju talmard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	Unilever PLC; Port Sunlight, Wirral, Merseyside, CH62 4ZD, ir-Renju Unit u Unilever NV, Weena 455, Rotterdam, 3013 AL, l-Olanda	Steroli mill-pjanti: Steroli estratti minn pjanti, liberi jew esterifikati b'aċidi grassi ta' grad alimentari	Intwera li l-isteroli mill-pjanti jbaxxu/jnaqqsu l-kolesterol fid-demm. Il-kolesterol għoli huwa fattur ta' riskju fl-iżvilupp tal-mard koronarju tal-qalb	►**M2** Tagħrif lill-konsumatur li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz tal-konsum ta' kuljum ta' 1,5-3 g ta' steroli tal-pjanti. Referenza għall-ammont tal-effett tista' ssir biss għall-ikel li jinsab fil-kategoriji li ġejjin: pejsts tax-xaħam isfar, prodotti tal-ħalib, majonež u taħwir tal-insalata. Meta ssir referenza għall-ammont tal-effett, iridu jiġu kkomunikati lill-konsumatur il-firxa "7 sa 10 %" għall-ikel li jipprovdi konsum ta' kuljum ta' 1,5-2,4 g ta' steroli tal-pjanti jew il-firxa "10-12,5 %" għall-ikel li jipprovdi konsum ta' kuljum ta' 2,5-3 g ta' steroli tal-pjanti u t-tul ta' żmien biex jinkiseb l-effett "fi żmien ġimagħtejn u tliet ġimgħat". ◄		►**M2** Q-2008-085 Q-2009-00530 u Q-2009-00718 Q-2011-01241 ◄
Indikazzjoni dwar issaħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju talmard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	McNeil Nutritionals, 1 Landis und Gyr Strasse, 6300 Zug; l-Iżvizzera	Esteri tal-istanol mill-pjanti	Intwera li l-esteri tal-istanol mill-pjanti jbaxxu/jnaqqsu l-kolesterol fid-demm. Il-kolesterol għoli huwa fattur ta' riskju fl-iżvilupp tal-mard koronarju tal-qalb	►**M2** Tagħrif lill-konsumatur li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz tal-konsum ta' kuljum ta' 1,5-3 g ta' stanoli tal-pjanti. Referenza għall-ammont tal-effett tista' ssir biss għall-ikel li jinsab fil-kategoriji li ġejjin: pejsts tax-xaħam isfar, prodotti tal-ħalib, majonež u taħwir tal-insalata. Meta ssir referenza għall-ammont tal-effett, iridu jiġu kkomunikati lill-konsumatur il-firxa "7 sa 10 %" għall-ikel li jipprovdi konsum ta' kuljum ta' 1,5-2,4 g ta' stanoli tal-pjanti jew il-firxa "10-12,5 %" għall-ikel li jipprovdi konsum ta' kuljum ta' 2,5-3 g ta' stanoli tal-pjanti u t-tul ta' żmien biex jinkiseb l-effett "fi żmien ġimagħtejn u tliet ġimgħat". ◄		►**M2** Q-2008-118 Q-2009-00530 u Q-2009-00718 Q-2011-00851 Q-2011-01241 ◄

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet vrelevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Applikant –Indirizz	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kondizzjonijiet dwar l-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet dwar l-użu tal-ikel u/jew stqarrija jew twissija addizzjonali	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Unilever PLC; Port Sunlight, Wirral, Merseyside, CH62 4ZD, ir-Renju Unit u Unilever NV, Weena 455, Rotterdam, 3013 AL, l-Olanda	aċidu α-linoleniku u aċidu linolejku	L-aċidi grassi essenzjali huma meħtieġa għall-iżvilupp u t-tkabbir normali tat-tfal	►M1 Informazzjoni lill-konsumatur li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bil-konsum ta' kuljum tal-ammont ta' 2 g ta' α-aċidu linoleniku (ALA) u l-konsum ta' kuljum tal-ammont ta' 10 g ta' aċidu linoleiku (LA) ◄		Q-2008-079
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Association de la Transformation Laitière Française (ATLA), 42, rue du Châteaudun, 75314 Paris Cedex 09, FRANZA	Kalċju	Il-kalċju huwa meħtieġ għat-tkabbir u l-iżvilupp normali tal-għadam fit-tfal	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa talanqas sors ta' kalċju kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM IL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM IL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006		Q-2008-322
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Association de la Transformation Laitière Française (ATLA), 42, rue du Châteaudun, 75314 Paris Cedex 09, FRANZA	Proteina	Il-proteini huma meħtieġa għat-tkabbir u l-iżvilupp normali tal-għadam fit-tfal	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa talanqas sors ta' proteina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' PROTEINA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006		Q-2008-326
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Yoplait Dairy Crest Ltd, Claygate House, Claygate, Surrey, KT10 9PN, ir-Renju Unit	Il-kalċju u l-vitamina D	Il-kalċju u l-vitamina D huma meħtieġa għat-tkabbir u l-iżvilupp normali tal-għadam fit-tfal	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa talanqas sors ta' kalċju u vitamina D kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM IL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM IL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006		Q-2008-116

▼B

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet vrelevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Applikant –Indirizz	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kondizzjonijiet dwar l-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet dwar l-użu tal-ikel u/jew stqarrija jew twissija addizzjonali	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Association de la Transformation Laitière Française (ATLA), 42, rue du Châteaudun, 75314 Paris Cedex 09, FRANZA	Vitamina D	Il-vitamina D hija meħtieġa għat-tkabbir u l-iżvilupp normali tal-għadam fit-tfal	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa talanqas sors ta' Vitamina D kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM IL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM IL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006		Q-2008-323

ANNESS II

INDIKAZZJONIJIET DWAR IS-SAĦĦA MIĊĦUDA

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	NeOpuntia®	In-NeOpuntia® tgħin biex ittejjeb il-parametri tal-lipidi fid-demm assoċjati mar-riskji kardjovaskulari, speċjalment il-kolesterol HDL	EFSA-Q-2008-214
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għal tnaqqis fir-riskju tal-mard, skont l-Artikolu 14(1)(a)	Prodotti tal-ħalib b'kontenut baxx ta' xaħam Evolus® iffermentati bil-*Lactobacillus helveticus*	L-Evolus® inaqqas l-ibusija arterjali	EFSA-Q-2008-218
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	regulat®.pro.kid IMMUN	Ir-regulat®.pro.kid IMMUN isostni, jistimula u jimmodula s-sistema tal-immunità tat-tfal waqt li dawn ikunu qed jikbru	EFSA-Q-2008-082
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Prodotti tal-ħalib	Tliet porzjonijiet ta' prodotti li ġejjin mill-ħalib kuljum, bħala parti minn dieta bilanċjata, jistgħu jgħinu biex jitħeġġeġ piż f'saħħtu tal-ġisem matul it-tfulija u l-adoloxxenza	EFSA-Q-2008-110
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	Prodotti tal-ħalib	Il-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-ħalib (il-ħalib innifsu u l-ġobon) iħeġġu s-saħħa dentali fit-tfal	EFSA-Q-2008-112
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-Aċidu Arakidoniku (ARA)	Id-DHA u l-ARA jsostnu l-iżvilupp newrali tal-moħħ u l-għajnejn	EFSA-Q-2008-120
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	regulat®.pro.kid.BRAIN	Ir-regulat®.pro.kid.BRAIN jikkontribwixxi għall-iżvilupp mentali u konjittiv tat-tfal	EFSA-Q-2008-083
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Effett kalmanti	EFSA-Q-2008-091 u EFSA-Q-2008-096
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jipprovdi s-serenità u spazju għal żvilupp benefiċjali tat-tfal	EFSA-2008-092 u EFSA-Q-2008-097
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jgħin biex isostni l-viżta	EFSA-Q-2008-095 u EFSA-Q-2008-100

▼B

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jgħin biex isostni l-iżvilupp mentali	EFSA-Q-2008-098 u EFSA-Q-2008-104
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jgħin biex iħeġġeġ il-konċentrazzjoni	EFSA-Q-2008-094 u EFSA-Q-2008-099
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jgħin biex iħeġġeġ il-kapaċità tal-ħsieb	EFSA-Q-2008-093 u EFSA-Q-2008-101
Indikazzjoni dwar is-saħħa li tirreferi għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, skont l-Artikolu 14(1)(b)	L-Aċidu Dokosaħeksaenojku (DHA) u l-aċidu ejkosapentaenojku (EPA)	Jgħin biex isostni l-ħila li wieħed jitgħallem	EFSA-Q-2008-102 u EFSA-Q-2008-103